**13 ta' Jannar, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmela Inguanez

**Għajnuna Soċjali — Ġurament — Piena — Art. 6 tal-Att XXVII tal-1952 — Att VII tal-1956.**

*Il-kelma "immobili" tikkomprendi anki l-immobili rurali; u kwindi min japplika għall-għajnuna soċjali huwa obligat jiddikjara wkoll, fost il-mezzi l-oħra tiegħu, anki l-proventi mir-raba' li jkollu; u jekk, meta jieħu l-ġurament dwar il-mezzi tiegħu, jommetti li jsemmi dawk il-proventi, il-ġurament tiegħu huwa falz. U dan apparti milli huwa obligat jiddikjara dawk il-proventi anki għaliex fil-formula li fuqha jiġi mistoqsi hemm ukoll il-kliem komprensivi "or any other income", kif ukoll il-kliem "money... from any source whatsoever".*

*Ma hux ljevi r-reat ta' min jiffroda lill-Gvern fl-amministrazzjoni tal-assistenza soċjali, billi jieħu dak li ma jkunx ħaqqu*

*għad-dannu tal-erarju, u kwindi tal-kommunità, inklużi oħrajn talvolta aktar fil-bżonn.*

Il-Qorti:— Rat l-atti kompilati kontra Carmela Inguanez talli f'dawn l-aħħar tliet snin (a) permezz ta' atti magħmula fi żmienijiet differenti u tal-istess intenzjoni, għamlet dikjarazzjonijiet foloz taħt ġurament taħt l-Att nru. VII tal-1956 tal-Għajnuna Soċjali quddiem uffiċjal tal-"welfare" li hu persuna li għandha s-setgħa li tamministra l-ġurament; barra dan, (b) frawdolentement naqset tirrapporta lill-"Welfare Officer" ta' Pawla qabel ma rċeviet il-ħlas tal-għajnuna soċjali, it-tibdil taċ-ċirkustanzi finanzjarji, li jġib jew jista' iġib xi tibdil fl-ammont tal-istess għajnuna, u b'mezzi qarrieqa otteniet is-somma ta' flus ta' aktar minn £100 bi ħsara tal-Gvern ta' Malta;

Rat in-nota tal-Attorney General tal-25 ta' Settembru 1961;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Ottubru 1961, li biha ddeċidiet billi sabet l-imputata mhux ħatja tar-reat ta' ġurament falz, u lliberatha minn dik l-imputazzjoni, iżda sabitha ħatja talli għamlet qliegħ b'qerq ta' ammont li ma kienx kull darba jeċċedi £10 bi ħsara tal-Gvern Ċivili, u talli xjentement tgħat lid-Direttur tal-Għajnuna Soċjali tagħrif qarrieqi bi ksur tal-art. 6 tal-Att XXVII tal-1952, kif emendat bl-Att VI tal-1956; liema l-aħħar reat imsemmi hu konsolidat fl-ewwel reat; u kkundannatha għall-piena tal-priġunerija għal żmien xahar;

Rat ir-rikors li bih l-imputata Carmela Inguanez appellat mis-sentenza fuq imsemmija, u talbet li tiġi revokata, u li hija tiġi misjuba mhux ħatja: "in subordine" talbet li jiġi lilha applikat (sic) l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali (recte, il-lum, l-art. 9 tal-Att XII tal-1957); jew li tiġi lilha nflitta piena (sic) finanzjarja (recte) pekunjarja;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fil-meritu din il-Qorti taqbel mar-raġunament li hemm fl-ewwel sentenza, u ma ssib xejn utili x'iżżid magħhom, ħlief għar-rigward ta' riljev li hemm fir-rikors tal-appell, fejn jingħad li l-appellanti ma fehmitx, fuq id-domandi li sarulha mill-"Welfare Officer" li kien imissha semmiet anki r-raba' in kwistjoni, peress li l-kliem "in possession of immovable property" ma jattaljawx ruħhom — qal id-difensur — għall-proventi ta' raba' bi qbiela. Dan ma hux preċiż, mhux biss għax il-kelma "immobili" tikkomprendi anki immobili rurali, imma għax fil-formula li fuqha tiġi mistoqsija l-persuna reklamanti hemm ukoll il-kliem komprensivi "or any other income", kif ukoll il-kliem "money... from any source whatsoever". Dan apparti r-rifless li dik il-persuna ma tistgħax ħlief tifhem tajjeb li hi mistennija li tiddikjara kull proventi tagħha sabiex il-Gvern jista' jqies tajjeb u fil-miżura ġusta l-ammont tas"social assistance";

Kwantu għall-piena;

Il-liġi, fl-art. 9 tal-Att XII tal-1957, issemmi wkoll ix-xorta tar-reat għall-finijiet tal-benefiċċju ta' dak l-artikolu, konoxxut, qabel, komunement bħala l-art. 23. Ma hux ljevi r-reat ta' min jiffroda lill-Gvern fl-amministrazzjoni tas-"social assistance", billi jieħu dak li ma jkunx ħaqqu għad-dannu tal-erarju, u kwindi tal-kommunità, inklużi oħrajn talvolta aktar fil-bżonn. Kwantu għall-irrogazzjoni tal-piena pekunjarja din it-talba tad-difiża saret b'ekwivoku, għax il-liġi tippermetti piena pekunjarja biss meta l-ammont tad-dannu jkun mhux aktar minn għoxrin xelin (art. 324 (1) (d) Kap. 12); li ma hux il-każ;

Din il-Qorti, però, tirrileva li, għalkemm il-Maġistrat fil-fatt applika sewwa l-inċiż(c) tal-art. 324 (1) Kod. Krim., fejn il-ħsara mhix aktar minn £3, fil-fatt però, fil-konsiderandi tas-sentenza qal li l-qliegħ mhux mistħoqq kull darba kien jeċċedi £3 iżda mhux aktar minn £10; u anki fid-dispożittiv qal li ma kienx jeċċedi l-£10. mentri f'konsiderando ta' qabel hu kien qal li, għalkemm l-imputata ħadet bħala "social assistance" £3.8.0, fil-ġimgħa, fil-fatt, kieku ġie dikjarat ir-raba', kienet tieħu biss £1.17.0 fil-ġimgħa b'mod li l-eċċess ossija d-dannu bien ta' £1.11.0 fil-ġimgħa. Għal-

hekk id-dannu li ssemi l-ligi għall-fini tal-piena ma kienx jaqbeż it-£3, għax iż-żejjed kien biss £1.11.0 kull darba. Kif ingħad, fil-fatt l-Ewwel Qorti applikat fid-dispożittiv tas-sentenza l-inċiż ġust, imma, peress li dak l-inċiż jikkontempla latitudini bla minimum, sa maximum ta' tliet xhur, u peress li hu possibbli li fl-għażla tal-piena f'din il-latitudini l-Maġistrat seta' talvolta k'en preokkupat bl-impressjoni erronea li l-ammont tad-dannu kull darba kien superjuri għal £3, għalhekk din il-Qorti hi inklinata tirriduċi l-piena minħabba din iċ-ċirkustanza;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad l-appell fil-meritu, u kwantu għall-piena tal-priġunerija tirriduċiha għal żmien ħmistax il-ġurnata;

Il-Qorti tirrileva, intant, kemm hu deżiderabbli, biex jiġu possibilment arġinati dawn l-inganni, tant fl-interess tal-Gvern eventwalment frodat, kemm ukoll fl-interess ta' min sfortunatament jissokkombi għat-tentazzjoni jiffrodah, li r-reklamant jiġi mistoqsi mil-"Welfare Officer" bl-akbar reqqa u metikożità ta' dettalji b'mod li ma jitħalliex lir-reklamant il-kamp li jiddeludi ruħu li jista' jinganna l-Gvern bl-omissjoni ta' xi ċespiti jew provent.